**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2019**

**Rikors nru: 24/16 AGV**

**AB (ID nru: 57682M) f' isimha propju u f' isem binha CB**

**u**

**DB (ID nru: 251977M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-2 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fis- 27 ta' Settembru 2008 u dan kif jirrizulta mic-cerifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn daz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' CB li twieled fit-8 ta' Ottubru 2009, u llum ghandu sitt snin u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;
3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret imposibbli, minnhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingjuri gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba liz-zwieg tkisser irrimedjabilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.
4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslux ghal ftehim bonarju u dan kif jirrizulta mill-anness dokument u mmarkat Dok. C
5. Illil l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, ghandha tigi xolta u likwidata.
6. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CB jehtieg li tigi affidata lill-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.
7. Illi jehtieg li jigi ffissat manteniment ghall-attrici u ghall-binhom minuri.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarji u opportuni, ghalfejn m' ghandhiex il-Qorti;

1.Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B, minhabba adulterju, abbandun, servizzi, eccessi , minacci u ingurji gravi kommessi il-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment , oltre' dan, u tawtorizza lill-attrici tghix seperatament mill-konvenut.

2.Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48, 50 u 51, tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, fis-shih jew parzjalment, b' dana illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru, l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti, bhala i-ddata meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir minn dis-separazzjoni;

3.Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b’ opera ta’ perit nominandi.
4.Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;
5.Tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri CB, tigi affidata esklussivament lill-attrici;
6.Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici u lill-minuri, manteniment adegwat li joghgobha tiffissa dil-Qorti, skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u l-minuri, il-mezzi tal-kovenut, bil-modalita’ ta’ hin, lok, u gurnata ta’ pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghall-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja, u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju, u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.
7.Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici f’ qasir zmien u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti parafernali taghha u fin-nuqqas, tikkudannah ihallas lill-attrici, l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta’ Perit nominandi.
8.Tinnomina lin-Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
9.Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta, is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;
10.Tawtorizza lill-attrici biex tirreverti ghall-kunjom xbubitha, u cjoe’ E, bl-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghall-subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenut **DB ID nru: 251977M),** datata 21 ta’ Marzu, 2016 fejn espona;
1.Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici nhar id-9 ta’ Marzu 2019 u kif mitlub qieghed bir-rispett jintavola l-umli risposta tieghu;

2.Illi tali talbiet u l-allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;
3.Illi kienet l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, abbandun, servizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi fil-konfront tal-intimat, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u gbir ta' provi, matul dal-kaz;
4.Fir-rigward tal-ewwel talba, tal-attrici, l-intimat jirrileva li l-attrici ilha xhur li telqet mid-dar matrimonjali, ghaldaqstant, it-talba tal-attici, cjoe' li tkun awtorizzata tghix separatamen minn zewgha l-intimat, hi wahda fiergha stante li l-attrici ilha minn Setetmbru 2015, li telqet minn gol-fond matrimonjali;

5.Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-intimat jirrileva ukoll li l-attrici kkomettiet adulterju fil-konfront tieghu, liema adulterju hu ppruvat permezz ta' ritratti u kliem li l-intimat nizzel minn fuq social network, liema dokumenti qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok A;
6.Illi fi-rigward tat-tieni talba, dina l-Onorabbli Qorti, ghandha tapplika kontra l-attrici l-effetti kollha tal-artikolu 48 et sequitur tal-Kap 16. tal-Ligijiet ta' Malta;
7.Illi l-intimat, jirreleva li dak kollu li saru matul il-hajja mizzewwga ta' bejn il-partijiet, certament li ma sarx bil-hila tal-attrici, liema issostni l-attrici kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh ta' dil-kawza;

8. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-intimat jaqbel li din l-Onorabbli Qorti, ghandha ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi a spejjez tal-attrici;
9. Illi dir-rigward tar-raba' talba attrici, hemm qbil, b' dana illi l-Onorabbli Qorti, ghandha tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwsiti ta' bejn il-partijiet f' zewg partijiet, mhux necessarjament ugwali;
10. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici, l-intimat, ma jaqbilx li l-kura u l-kustodja tal-minuri C, tkun fdata esklussivament f' idejn l-attrici, u mhux biss stante l-fatt li rwol ta' missier ma ghandux ikun wiehed biss li

jipprovdi ghal ibnu, izda ghandha ukoll ikun qieghed ta' involviment fil-hajja ta' ibnu, kif dejjem kien da parti tal-intimat, fir-rigward ta' ibnu C;

11. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici, l-intimat jirrileva li ilu minn Settembru 2015 jivversa s-somma ta' mitejn u hamsin Ewro fix-xahar bhala manteniment, ghal minuri CB apparti li jirrifiondi nofs ta' kull ricevuta ta' nfieq veru l-minuri, li l-attrici tipprezenta lill-intimat, ghaldaqstant apparti l-fatt li l-intimat mhux f' posizzjoni li jivversa somma akbar minn dik versata minnu l-attrici ghat-tul ta' dax-xhur kollha, kienet kuntenta bl-ammont li kien qed jigi ivversat, dak ta' 250 Ewro fix-xahar ghax kieku ghal kuntrarju, certament li l-attrici kienet tintavola proceduri opprtuni biex tvarja l-ammont f' manteniment li kien qed jigi mghoddi bl-bono volonta' tal-intimat, izda dan l-attrici m' ghamiltux;

12. Illi fir-rigward tas-sitt talba attrici, u ghat-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti, tiffissa somma f' manteniment, ghall-istess attrici, l-intimat jirreleva li l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghaliha stante adulterju minnha kommess ma' certu FG kif jixhdu l-annessi dokumenti Dok A, in oltre l-attrici tahdem, apparti l-fatt ukoll li l-attrici ghandha 34 sena, fizikament b' sahhitha, u iben il-partijiet CB, li ghandu 6 snin u diehel fis-7 sena tieghu, jattendi l-iskola u ghalhekk ma jezistix ebda impediment, ghall-attrici sabiex tkompli tahdem, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dal-kaz;

13. Illi fir-rigward tas-seba' talba attrici, l-intimat jirrileva li l-attrici ilha xhur gejja u sejra gewwa l-fond li ghandhom gewwa z-Zejtun , tiehu mhux biss l-affarijiet u oggetti appartenti lilha, izda ukoll hadet affarijiet u oggetti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejniethom, liema affarijiet u oggetti ghandhom jigu ikkalkulati fir-rigward tal-qasma ta' bejn il-partijiet, billi jirriflettu tnaqqis mis-sehem, li l-attrici ghandha mill-komunjoni ta' bejn it-tnejn, dan mhux bi pregudizzju ghall-eccezzjoni mressqa mill-intimat f' paragrafu tmienja;

14. Illi fir-rigward tat-tmien talba attrici, l-intimat ma jifhimx l-import tal-istess talba.
15. Illi l-intimat ma joggezzjonax ghad-disa' talba attrici

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Rat is-sentenza *in parte* datata 9 ta' Novembru, 2017, fejn inghata x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici, datata 14 ta' Awwissu, 2019;

**IKKUNSIDRAT;**

Illi din hija kawza ghall-firda personali bejn koppja mizzewga. Il-partijiet kienu zzewgu f'Settembru 2008 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, li llum jaghlaq ghaxar snin. L-attrici qed titlob il-firda personali mir-ragel minhabba f'ingurji u sevizzi gravi kommessi mill-konvenut, u ghalhekk qed titlob li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, li tinghata l-kura u kustodja tal-minuri, u li tigi moghtija manteniment xieraq.

L-attrici ppresentat affidavit fit-13 ta' Mejju, 2016. Fih spjegat it-tip ta' relazzjoni li kellha mal-konvenut, li kien ragel li jahdem fil-bini u li kien jipprovdi ghal kollox fil-familja, izda li lilha jien jinjoraha u jittrattaha hazin hafna. Hi taghti ezempji ta' dawn l-incidenti, kif ukoll tispjega kemm-il darba l-konvenut kellu xi jghid ma' terzi u kif kien ikellem lit-tifel taghhom u lil ommha u huha. Mill-istess

affidavit hi tghid li l-konvenut ma kienx fidil fiz-zwieg maghha, u ssemmi drabi fejn kien qalilha li mar il-Gzira ma' prostituti, u semmiet ukoll istanza fejn huha, HE, kien sema' li l-konvenut kellu tfajla ohra waqt iz-zwieg ma' ohtu l-attrici. Qalet ukoll li qabel iz-zwieg, il-konvenut kellu l-vizzju tad-drogi u li baqa' jpejjep il-haxixa anke waqt iz-zwieg. Il-konvenut kien vjolenti bil-kliem fil-konfront taghha u tal-familjari taghha, tant li kienu ttiehdu passi kontra tieghu mill-Pulizija u kien inghata garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala piena. L-attrici telqet mid-dar ghall-habta ta' Settembru, 2015, ftit xhur qabel ma fethet din il-kawza. Wara li telqet mid-dar bil-minuri, il-konvenut wahhal kliem mal-vettura tieghu jghidu "back to life", kliem li fil-fehma taghha juru kemm il-konvenut ma riedx jaf b'hajja mizzewga.

L-attrici ppresentat ukoll affidavit ta' ommha, IE, fil-21 ta' Frar, 2018, fejn ikkonfermat li l-konvenut kien jipprovdi ghall-bzonnijiet kollha tad-dar mill-paga tax-xoghol tieghu, izda ilmentat mill-imgieba tieghu u mid-diskors goff u l-atitudni vjolenti tieghu. Qalet li l-konvenut kien iqatta' hafna hin barra mid-dar. F'Mejju tal-2011 kienet ghamlitlu rapport lill-Pulizija ghal theddid fil-konfront taghha u ta' binha, HE.

L-attrici ressqet diversi xhieda ohra, fosthom tal-banek lokali li esebew kopji tal-kontijiet bankarji tal-partijiet, rapporti tal-Pulizija fil-konfront tal-konvenut, kopji tal-formoli tat-taxxa tad-dhul, u dokumenti ohra. Xehed ukoll JK, kugin tal-konvenut, li spjega li hu u l-konvenut gieli hadmu xi xoghol ta' kisi u ta' bini flimkien. Xehed rappresentant ta' Attard Brothers, li qal li l-konvenut kien jixtri materjal minn ghandhom ghax-xoghol tieghu, u gew esebiti kopji tal-materjal kollu li kien xtara fuq perjodu ta' sena.

Il-konvenut ghazel li ma jressaq ebda provi, minkejja li kien wiegeb ghar-rikors guramentat tal-attrici, u deher fl-ahhar seduti minghajr l-assistenza ta' avukat,

minkejja li l-Qorti tatu diversi opportunitajiet iressaq il-provi tieghu, sew quddiem Assistant Gudizzjarju u sew quddiemha. Ghalhekk, il-provi kollha li tressqu mill-attrici ma gew kontradetti b'ebda mod, u ghandhom jikkostitwixxu prova fil-konfront tieghu.

Minn dawn il-provi, jirrisulta wkoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certa LM, ghall-habta ta' Mejju 2011, skond ma jidher f'rapport li sar lill-Pulizija minn certu NO, u esebit bhala Dok JSF 13 a fol. 262 u 263 tal-process. Ghalhekk, jekk il-Qorti ghandha tqis data ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap 16, ghandha tapplika dik id-data.

Kwantu ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni, din gia' saret permezz ta' sentenza datata 9 ta' Novembru, 2017. Id-dar matrimonjali nbieghet u r-rikavat inqasam bejniethom. Fadal kontijiet bankarji u vettura tat-tip Mercedes. Mill-kontijiet bankarji esebiti, jidher li l-konvenut zbanka somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) mill-HSBC u dsatax-il elf u tminn mitt Ewro (€19,800) mill-APS fi ftit jiem, fl-istess waqt li nfethet il-medjazzjoni, u cioe' f'Gunju 2015. Qabel dik id-data, il-konvenut kien gibed is-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) minn kont tal-HSBC fil-11 ta' Dicembru 2013. Huwa presunt li bihom il-konvenut hallas ghal vettura Mercedes. Ghalhekk l-attrici ghandha tinghata nofs dawn is-somom indikati, jigifieri €2,500, €9,900 u €15,000, li jammontaw ghal seba' w ghoxrin elf, erba' mitt Ewro (€27,400) bhala s-sehem taghha tal-komunjoni. Jekk gie kostitwit xi dejn waqt il-komunjoni, il-konvenut ghandu jassumi kull dejn li gie hekk kostitwit minn Mejju 2011 'il quddiem.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba u cioe' tippronunzja is-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, u dan minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, ingurji gravi u sevizzi fil-konfront tal-attrici.
2. Tilqa' it-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih.
3. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante illi fil-mori tal-kawza, inghatat sentenza in parte datata 9 ta' Novembru 2017, fejn gie ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, fuq talba tal-istess attrici.
4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' w ghoxrin elf, erba' mitt Ewro (€27, 400) lill-attrici in rapprezentanza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, kif hawn fuq spjegat.
5. Tilqa' il-hames talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C, esklussivament f' idejn l-attrici, u takkorda access lill-konvenut kull nhar ta' Tlieta u Gimgha mill- 4.00 PM sat- 8.00 PM u fil-weekend darba sleepover mis-Sibt fis-7.00 PM sal-ghada l-Hadd fis-7.00 PM, u l-gimgha ta' wara jkun hemm access il-Hadd mill-10.30 AM sas-7.00 PM. Tordna ukoll illi l-minuri jingabar u jitwassal lura minn quddiem il-Knisja tal-lokalita' li fiha tkun qed tirrisjedi l-attrici.
6. Tilqa' is-sitt talba u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-attrici fl-ammont ta' tlitt mitt Ewro (€300) fix-xahar, ghall-perjodu massimu ta' sena, sakemm l-istess attrici issib impieg fiss, kif ukoll tordna lill-konvenut ihallas manteniment mensili ghall-minuri C , fl-ammont ta' erba' mija w hamsin Ewro (€450), liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, kif ukoll l-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari, u dan ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq 18-il sena. jew sakemm jaghlaq l-eta' ta' 23 sena, jekk jibqa' jistudja fuq bazi full time. Il-

manteniment hekk ordnat ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jithallas mill-konvenut permezz ta' standing order f' kont bankarju intestat f' isem l-attrici.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante illi ma rrizultax mill-provi illi l-attrici kellha xi beni parafernali fil-pusess tal-konvenut.
8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante illi l-uniku assi immobbli li kien hemm in komuni bejn il-partijiet, inbiegh fil-mori tal-kawza.
9. Tilqa' id-disa' talba, u tawtorizza lill-attrici, sabiex tirregistra s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ta' Malta.
10. Tilqa' ukoll l-ghaxar talba, tal-attrici, u tawtorizzaha tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' E.

Spejjez kollha a karigu tal-konvenut.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Mary Josette Musu'**
**Dep Reg**